**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu 2025**

**Rikors nru : 33 /2025 AGV**

DV Z

vs.

DZ

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors Ġuramentat ta' DV Z datat 24 ta' Jannar 2025;**

Jesponi bir-rispett:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fl-għoxrin (20) ta' Ottubru, tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990) ġewwa tas-Sliema, liema Att taż-Żwieġ jinsab hawn anness u mmarkat bħala **Dok. DZ1**;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġ ulied li jisimhom KZ , imwieled fl-erbgħa ta' Settembru tas-sena tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990) kif ukoll M Z imwielda fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998), u li għalhekk għandhom l-eta ta' erbgħa u tletin (34) u sitta u għoxrin (26) rispettivament, b'dana li huma t-tnejn maġġorenni;

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat t-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) liema kuntratt jinsab fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia, liema kopja ta' l-istess kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata **Dok. DZ2;**

4. Illi inoltre il-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn tlett snin;

5. Illi kif jirriżulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu manteiment mingħand xulxin, u inoltre l-ebda manteiment qatt ma kien dovut għall-ulied stante li dawn kienu diġa maġġorenni meta seħħet is-separazzjoni ta' bejniethom;

6. Illi m’hemm ebda prospett raġonevoli għall-partijiet għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante li illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi l-esponent ħejja l-anness affidavit (mmarkat bhala **Dok DZ3**) li permezz tiegħu qed jikkonferma l-kontenut tar-rikors odjern;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissoddisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, (Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta).

**Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili;**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**Il-Qorti rat li l-konvenuta tiddikjara li  m’ghandhiex oġġezzjoni ghat-talba tad-divorzju.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ccelebrat fl- 20 ta’ Ottubru  1990

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**